



Brussell, 21 ta' Ġunju 2022
(OR. en)

10016/22

HYBRID 55	JAIEX 67
DISINFO 52	AUDIO 55
INST 221	DIGIT 118
AG 61	INF 95
PE 62	COSI 160
DATAPROTECT 185	CSDP/PSDC 341
JAI 847	COPS 255
CYBER 207	POLMIL 136
FREMP 122	PROCIV 76
RELEX 758	IPCR 64

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Qafas għal reazzjoni koordinata tal-UE għal kampanji ibridi

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness, il-konklużjonijiet tal-Kunsill imsemmijin hawn fuq approvati mill-Kunsill fil-21 ta' Ġunju 2022.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL**dwar Qafas għal reazzjoni koordinata tal-UE għal kampanji ibridi**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

1. IFAKKAR fil-konklużjonijiet rilevanti tal-Kunsill Ewropew¹ u tal-Kunsill², JIRRIKONOXXI li l-atturi statali u mhux statali qed jużaw dejjem aktar tattiki ibridi, li jgħolqu theddida dejjem akbar għas-sigurtà tal-UE, l-Istati Membri tagħha u s-sħab tagħha³. JAGĦRAF li, għal xi atturi li japplikaw tattiki bħal dawn, żmien ta' paċi huwa perjodu għal attivitajiet malinni bil-moħbi, meta konflitt jista' jkompli jew jittejjja f'forma inqas miftuħa. JENFASIZZA li l-atturi statali u l-atturi mhux statali jużaw ukoll il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u tattiki oħra biex jinterferixxu fil-proċessi demokratiċi u biex jiżvjaw u jqarrqu liċ-ċittadini. JINNOTA li l-aggressjoni armata tar-Russja kontra l-Ukrajna qed turi r-rieda li jintuża l-ogħla livell ta' forza militari, irrispettivament mill-konsiderazzjonijiet legali jew umanitarji, flimkien ma' tattiki ibridi, ċiberattakki, manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza minn barranin, koerċizzjoni ekonomika u b'rabta mal-enerġija u retorika nukleari aggressiva, u JIRRIKONOXXI r-riskji relatati ta' effetti kollaterali potenzjali fil-viċinat tal-UE li jistgħu jkunu ta' ħsara għall-interessi tal-UE.

¹ B'mod partikolari, il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2021, Ottubru 2021, Ġunju 2019, Marzu 2019, Diċembru 2018, Ottubru 2018, Ġunju 2018, Marzu 2018, Ġunju 2015 u Marzu 2015.

² B'mod partikolari, il-konklużjonijiet dwar it-tisħiħ tar-reżiljenza u l-għieda kontra t-theddid ibridi, inkluż id-diżinformazzjoni fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 (ST 13626/20), il-konklużjonijiet dwar sforzi komplementari għat-tisħiħ tar-reżiljenza u l-għieda kontra t-theddid ibridi (ST 14972/19), il-konklużjonijiet dwar is-salvagwardja ta' sistema tal-media ħielsa u pluralistika (ST 13260/20), u l-konklużjonijiet dwar ir-Rapport Speċjali Nru 09/2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: Id-diżinformazzjoni taffettwa lill-UE: qed tiġi indirizzata iżda mhux mitigata (ST 10968/21).

³ F'konformità mal-kapitolu "Naħdmu fi sħubija" tal-Boxxla Strateġika.

2. ITENNI li, fid-dawl tal-bidliet ġeopolitiċi attwali, is-saħħa tal-Unjoni tagħna tinsab fl-għaqda, is-solidarjetà u d-determinazzjoni, bit-tisħiħ tal-awtonomija strateġika tal-UE u l-kapaċità tagħha li taħdem ma' sħab biex tħares il-valuri u l-interessi tagħha, u bl-implimentazzjoni rapida tal-Boxxla Strateġika, inkluż biex tiġġieled kontra theddidiet u kampanji ibridi. JISSOTTOLINJA li UE aktar b'saħħitha u aktar kapaċi fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża ser tikkontribwixxi b'mod pożittiv għas-sigurtà globali u trans-Atlantika u hija komplementari għan-NATO, li tibqa' l-pedament tad-difiża kollettiva għall-membri tagħha. JAFFERMA MILL-ĠDID l-intenzjoni tal-UE li ssaħħaħ l-appoġġ għall-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli, bin-Nazzjonijiet Uniti fil-qalba tiegħu.

3. IFAKKAR li l-Boxxla Strateġika, approvata mill-Kunsill fil-21 ta' Marzu 2022 u approvata mill-Kunsill Ewropew fl-24 u l-25 ta' Marzu 2022, tissottolinja l-hteġa li fl-2022 jiġi żviluppat Sett ta' Għodod tal-UE kontra Theddid Ibridu li għandu jiġbor flimkien l-istrumenti eżistenti u oħrajn ġodda possibbli u jipprovdi qafas għal reazzjoni koordinata għal kampanji ibridi li jaffettwaw l-UE u l-Istati Membri tagħha, inkluż pereżempju miżuri preventivi, kooperattivi, ta' stabbiltà, restrittivi u ta' rkupru u t-tisħiħ tas-solidarjetà u l-assistenza reċiproka, kif ukoll il-hteġa li fl-2022 jiġi żviluppat is-Sett ta' Għodod kontra l-Manipulazzjoni tal-Informazzjoni u l-Interferenza minn Barranin ("sett ta' għodod FIMI"), li ser isaħħaħ il-kapaċità tagħna li nidentifikaw, nanalizzaw u nirreaġixxu għat-theddida, inkluż billi nimponu spejjeż fuq l-awturi. JISĦAQ li l-kampanji ibridi ser jiġu identifikati u miġġielda fl-istadji bikrija tagħhom bl-użu tal-politiki u l-istrumenti kollha meħtieġa tal-UE. B'hekk, għall-iżvilupp ta' dan is-Sett ta' Għodod wiesa' tal-UE kontra Theddid Ibridu, JINTRODUĊI Qafas għal reazzjoni koordinata għal theddidiet u kampanji ibridi li jaffettwaw l-UE, l-Istati Membri u s-sħab, u JISSOTTOLINJA li dan il-Qafas għandu jintuża wkoll biex jiġu indirizzati l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin fil-qasam tal-informazzjoni (FIMI).

4. JINNOTA li waqt li d-definizzjonijiet tat-theddidiet u l-kampanji ibridi jistgħu jvarjaw, jeħtieġ li jibqgħu flessibbli biex jippermettu reazzjonijiet xierqa għan-natura li qed tevolvi tat-theddida.

Għall-fini ta' dan il-Qafas u biex ikun jista' jintuża b'mod effettiv, JIRRIKONNOXXI l-kunċettwalizzazzjoni ta' "theddida ibrida" u "kampanja ta' theddid ibridu" – hawnhekk imsejħa "kampanja ibrida" – ipprovduta mill-Kummissjoni u miċ-Ċentru Ewropew għall-Ġlieda Kontra t-Theddid Ibridu fil-pubblikazzjoni "The Landscape of Hybrid Threats: A Conceptual Model" (Ix-Xenarju tat-Theddid Ibridu: Mudell Kunċettwali)⁴. JISSOTTOLINJA li l-Istħarriġ dwar ir-Riskji Ibridi għandu rwol ewlieni fl-iżvilupp ta' fehim u analiżi komuni tat-theddidiet u l-kampanji ibridi, kif ukoll fl-identifikazzjoni tal-vulnerabbiltajiet li potenzjalment jaffettwaw strutturi u networks nazzjonali u pan-Ewropej, kif ukoll sħab tal-UE fir-reġjuni tal-viċinat.

5. JENFASIZZA l-importanza ta' reazzjoni koordinata b'saħħitha li tkun xhieda tas-solidarjetà tal-UE fil-każ ta' attacki ibridi mmirati lejn l-UE u l-Istati Membri tagħha, u JISĦAQ li s-Sett ta' Għodod tal-UE kontra Theddid Ibridu, kif ukoll dan il-Qafas, għandhom jikkontribwixxu għal reazzjonijiet għal attacki ibridi, kif adatt. JISSOTTOLINJA r-rilevanza tal-mekkaniżmi eżistenti tal-UE għall-ġestjoni ta' kriżijiet, inkluż l-Arranġamenti Integrati tal-Kunsill għal Rispons Politiku f'Sitwazzjonijiet ta' Kriżi (IPCR), fl-appoġġ tal-azzjoni koordinata b'reazzjoni għal kriżijiet kbar u kumplessi.

6. JISSOTTOLINJA li, hekk kif id-distinzjoni bejn theddidiet interni u esterni qed issir dejjem aktar imċajpra minn atturi li jużaw tattiki ibridi, reazzjoni komprensiva għal theddidiet u kampanji ibridi għandha timmobilizza l-politiki u l-għodod interni u esterni rilevanti kollha tal-UE, kif imsemmija fl-Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà 2020-2025, u tinkludi l-għodod u l-miżuri ċivili u militari rilevanti kollha. JENFASIZZA l-ħtieġa akbar għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, il-mitigazzjoni u r-reazzjoni għal theddidiet u attivitajiet ibridi u li l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom ikunu kapaċi jimmitigaw u jtemmu l-impatt ta' kampanja ibrida fl-aktar stadju bikri possibbli u ma jħalluhiex tiżviluppa fi kriżi kompluta, bl-użu tal-firxa sħiħa tal-kapaċitajiet, l-għodod u l-istrumenti tal-UE u tal-Istati Membri tagħha, b'mod partikolari daww il-miżuri li għandhom l-għan li jagħtu spinta lill-kapaċità tal-UE u tal-Istati Membri tagħha li jibnu r-reżiljenza, iċaħħdu l-benefiċċji lill-awturi ta' kampanja ibrida u jzidulhom l-ispejjeż.

⁴ Giannopoulos, G., Smith, H., Theocharidou, M., "The Landscape of Hybrid Threats: A conceptual model", Kummissjoni Ewropea, Ispra, 2020, PUBSY No. 117280.

JENFASIZZA li l-kampanji ibridi f'pajjiżi terzi jista' jkollhom impatt ukoll fuq is-sigurtà, il-valuri u l-interessi tal-UE u li għalhekk huwa importanti li l-UE u l-Istati Membri tagħha jkunu jistgħu jwieġbu għal talbiet għal assistenza minn pajjiżi sħab, jekk ikun xieraq, bl-użu ta' dan il-Qafas. JISSOTTOLINJA li s-sinjalar ċar tal-konsegwenzi probabbli ta' reazzjoni koordinata tal-UE għal kampanji ibridi jinfluwenza l-imġiba ta' aggressuri potenzjali u jista' jżommhom milli jilhq u l-għanijiet tagħhom, u b'hekk isahha is-sigurtà tal-UE u tal-Istati Membri tagħha. JISĦAQ fuq l-importanza għall-UE u l-Istati Membri tagħha li jiżviluppaw pożizzjoni adegwata f'dan il-qasam, ibbażata fuq il-ħidma tal-korpi rilevanti tal-Kunsill.

7. JISSOTTOLINJA li meta inċident wieħed jew aktar li jistgħu jkunu parti minn kampanja ibrida jkunu ġew identifikati jew inġiebu għall-attenzjoni tal-Istati Membri mill-Kummissjoni jew mir-Rappreżentant Għoli, l-Istati Membri jistgħu jitolbu li l-korp rilevanti tal-Kunsill jeżamina l-kwistjoni. JENFASIZZA l-ħtieġa għal proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet rapidi u effiċjenti, skont il-każ, biex jiġu definiti u approvati reazzjonijiet koordinati tal-UE għal kampanji ibridi, inkluż l-FIMI. JISSOTTOLINJA li f'każijiet bħal dawn hemm il-ħtieġa li l-Kunsill jirċievi malajr proposti mħejjija b'mod konġunt mill-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli u, fejn ikun rilevanti, jieħu deċiżjonijiet rapidi dwar l-implimentazzjoni tagħhom abbażi tal-appoġġ li jista' jingħata lill-Coreper u, meta jiġu attivati, lill-arranġamenti tal-IPCR, mill-Grupp ta' Ħidma Orizzontali dwar it-Tisħiħ tar-Reżiljenza u l-Ġlieda Kontra t-Theddid Ibridu. JINNOTA li l-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) jista' jiddelibera dwar il-miżuri deċiżi fi ħdan dan il-Qafas li jaqgħu taħt il-mandat tiegħu.

8. ITENNI li r-responsabbiltà primarja għall-ġlieda kontra t-theddid ibridu hija tal-Istati Membri u JISĦAQ li d-deċiżjonijiet dwar reazzjoni koordinata tal-UE għal kampanji ibridi għandhom ikunu ggwidati mill-prinċipji ewlenin li ġejjin:

- iservu biex jipproteġi l-valuri, il-proċessi u l-istituzzjonijiet demokratiċi, kif ukoll l-integrità u s-sigurtà tal-UE, l-Istati Membri tagħha u ċ-ċittadini tagħhom, u l-interessi strateġiċi tagħha, inkluż is-sigurtà ta' sħab fil-viċinat tagħna u lil hinn minnu;
- jirrispettaw id-dritt internazzjonali u jipproteġu d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali, u jappoġġaw il-paċi u s-sigurtà internazzjonali;

- jiżguraw il-kisba tal-oġġettivi tal-Unjoni, b'mod partikolari l-oġġettivi tal-Politika Esera u ta' Sigurtà Komuni (PESK), kif stipulati fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), u l-oġġettivi stipulati fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), kif ukoll il-proċeduri meħtieġa għall-kisba tagħhom;
- ikunu proporzjonati skont l-ambitu, l-iskala, it-tul ta' żmien, l-intensità, il-komplessità, is-sofistikazzjoni u l-impatt ta' kull kampanja ibrida partikolari;
- ikunu bbażati fuq għarfien komuni tas-sitwazzjoni fost l-Istati Membri u jikkorrispondu mal-bżonnijiet tas-sitwazzjoni speċifika kkonċernata;
- iqisu l-kuntest ġenerali tar-relazzjonijiet esterni tal-UE mal-istat ikkonċernat mir-reazzjoni.

9. JISTIEDEN lir-Rappreżentant Għoli – permezz tal-Kapaċità Unika ta' Analiżi tal-Intelligence (SIAC), b'mod partikolari ċ-Ċellola ta' Fużjoni Kontra t-Theddid Ibridu – biex ikompli jipprovdi valutazzjonijiet komprensivi tat-theddid ibridu li jaffettwa lill-UE u lill-Istati Membri tagħha, ibbażati primarjament fuq il-kontributi tal-Istati Membri, inkluż rapporti annwali ta' Analiżi tax-Xejriet Ibridi (HTA), u JAPPELLA lill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet rilevanti biex itejbu l-parteċipazzjoni u l-kontributi tagħhom għal dawn ir-rapporti.

10. IĦEĠĠEĠ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jieħdu aktar azzjoni biex jiżviluppaw mekkaniżmu ta' monitoraġġ effiċjenti li jkopri diversi oqsma ibridi u l-varjetà ta' attivitajiet ibridi li jseħħu f'kull wieħed minnhom, bl-użu ta' teknoloġiji ġodda – inkluż l-intelliġenza artifiċjali – u l-mobilizzazzjoni tan-networks meħtieġa. JIEĦU NOTA f'dan ir-rigward tal-proposta mir-Rappreżentant Għoli biex jinħoloq mekkaniżmu adatt għall-ġbir sistematiku ta' data dwar inċidenti ta' FIMI, iffaċilitat minn Spazju tad-Data ddedikat għal dan. JISĦAQ fuq ir-rwol tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK fit-titjib tal-għarfien tas-sitwazzjoni tal-UE permezz tal-monitoraġġ tat-theddid ibridu, f'konformità mal-mandat tagħhom.

11. IHEĠĠĠĠ lill-UE u lill-Istati Membri biex jiġbru u jiddekodifikaw sinjali bikrija rilevanti, jiskambjaw informazzjoni u jivvalutaw kontinwament ir-rabtiet possibbli bejniethom sabiex jikkarakterizzaw theddida malajr; JENFASIZZA li l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji rilevanti tal-UE għandhom itejbu l-kontributi tagħhom għall-bini ta' għarfien komuni tas-sitwazzjoni billi jikkondividu informazzjoni rilevanti permezz tal-SIAC – bħala punt ta' dħul uniku għall-kontribut ta' intelligence strateġika mis-servizzi tal-intelligence u tas-sigurtà ċivili u militari tal-Istati Membri, permezz tas-Sistema ta' Twissija Rapida, billi jikkondividu aġġornamenti rilevanti tas-sitwazzjoni u billi jipprovdu l-valutazzjonijiet nazzjonali tagħhom bħala parti mill-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni fi ħdan il-grupp ta' ħidma rilevanti tal-Kunsill; JISĦAQ li l-SIAC, b'mod partikolari ċ-Ċellola ta' Fużjoni Kontra t-Theddid Ibridu, ser ikollha rwol ċentrali fil-kontribut għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet billi tipprovdi prospettiva strateġika u għarfien komprensiv tas-sitwazzjoni, b'mod partikolari biex jiġu identifikati l-oriġini u l-karatteristiċi tal-kampanja ibrida, dment li jkollhom ir-riżorsi xierqa; u JINNOTA li din il-ħidma tista' tiġi kkomplementata minn istituzzjonijiet, korpi u aġenziji rilevanti oħra tal-UE, kif ukoll missjonijiet u operazzjonijiet tal-PSDK, kif ikun adatt u fuq talba tal-Kunsill.

12. ITENNI l-ħtieġa li jissaħħaħ il-livell ġenerali ta' reżiljenza tal-UE għat-theddidiet u l-kampanji ibridi, abbażi ta' approċċ min-naħa tas-soċjetà kollha u tal-gvern sħiħ, bl-adozzjoni tad-Direttiva dwar miżuri biex jinkiseb livell komuni għoli ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni (Direttiva NIS 2) u d-Direttiva dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi (Direttiva CER), u fid-dawl tar-Regolament propost dwar it-trasparenza u l-immirar tar-reklamar politiku, l-Att dwar is-Servizzi Diġitali (DSA), l-Istrument Kontra l-Koerċizzjoni (ACI) li qed jiġi propost, il-Kodiċi ta' Prattika dwar id-Diżinformazzjoni rivedut, u l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu tal-iskrinjar tal-investment barrani tal-UE, u JISTIEDEN lill-Istati Membri biex, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, jagħmlu l-aħjar użu mill-mekkaniżmu operazzjonali konġunt dwar ir-reżiljenza elettorali. IHEĠĠĠĠ lill-Kummissjoni biex tuża strumenti ġodda, inkluż l-Osservatorju tat-Teknoloġiji Kritiċi, biex tidentifika d-dipendenzi u l-vulnerabbiltajiet li jistgħu jintużaw fil-qafas ta' kampanji ibridi. JISTIEDEN lill-Kummissjoni u l-Rappreżentant Għoli biex sa tmiem l-2022 jidentifikaw, bħala parti mill-iżvilupp tas-Sett ta' Għodod tal-UE kontra Theddid Ibridu, proposti operazzjonali biex tissaħħaħ ir-reżiljenza soċjetali u ekonomika għat-theddid ibridu, abbażi, fejn adatt, tal-linji bażi ta' reżiljenza ibrida settorjali tal-UE, l-Istħarriġ dwar ir-Riskji Ibridi u r-Rapport emblematicu tal-UE dwar ir-reżiljenza.

13. JISĦAQ li għandha tingħata prijorità lil miżuri li għandhom l-għan li jimmitigaw u jtemmu l-impatt ta' kampanja identifikata, kif ukoll li ma jħallux li din tespandi u tiskala, jiskoraġġixxu lill-awtur tagħha milli jwettaq aktar azzjoni u jiffaċilitaw l-irkupru rapidu tal-Istat Membru jew l-istituzzjoni, il-korp jew l-aġenzija tal-UE fil-mira. B'dan il-mod, IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli biex jimmobilizzaw l-ġhodod u l-istrumenti kollha tal-UE li jieħdu mill-politiki esterni u interni, skont ir-regoli u l-governanza rispettivi tagħhom.

14. JENFASIZZA li meta l-awtur ta' kampanja ibrida jista' jiġi identifikat b'livell għoli ta' ċertezza, jistgħu jittieħdu miżuri asimmetriċi u proporzjonati skont id-dritt internazzjonali – inkluż forom ta' komunikazzjoni diplomatika, politika, militari, ekonomika jew strateġika – biex jipprevjenu jew jirreaġixxu għal kampanja ibrida, inkluż fil-każ ta' attivitajiet malizzjużi li ma mhumieks klassifikati bħala atti internazzjonalment illegali iżda jitqiesu bħala atti ostili; JAFFERMA li miżuri ta' politika barranija, ta' sigurtà u ta' difiża, inkluż, jekk ikun meħtieġ, miżuri restrittivi, huma adatti għal dan il-Qafas u għandhom isaħħu l-prevenzjoni, jinkoraġġixxu l-kooperazzjoni, jiffaċilitaw il-mitigazzjoni ta' theddidiet immedjati u fuq żmien twil, u jinfluwenzaw l-imġiba ta' aggressuri potenzjali fuq medda ta' żmien twil; JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli biex jiżviluppaw għażliet għal miżuri definiti sew li jistgħu jittieħdu kontra l-atturi ta' FIMI meta dan ikun meħtieġ biex jiġu protetti l-ordni pubbliku u s-sigurtà tal-UE; u JFAKKAR li l-Istati Membri jistgħu jipproponu attribuzzjoni koordinata ta' attivitajiet ibridi, bħala rikonoxximent li l-attribuzzjoni hija prerogattiva nazzjonali sovrana.

15. JINNOTA li l-miżuri li jagħmlu parti mill-politika barranija, ta' sigurtà u ta' difiża jistgħu jkunu, fost oħrajn, miżuri preventivi, inkluż miżuri, eżerċizzji u taħriġ għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet u l-fiduċja, inkluż permezz ta' missjonijiet u operazzjonijiet tal-PSDK; miżuri kooperattivi, inkluż djalogu, kooperazzjoni, koordinazzjoni, kondiviżjoni tal-aħjar prattiki u taħriġ ma' pajjiżi u organizzazzjonijiet sħab; miżuri għall-bini tal-istabbiltà, inkluż diplomazija pubblika u involviment diplomatiku mal-attur statali involut, meta u fejn ikun xieraq f'koordinazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti u ma' sħab u pajjiżi tal-istess fehma; miżuri restrittivi (sanzjonijiet), inkluż kontra dawk responsabbli għall-kampanja, skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattati; miżuri li jappoġġaw lill-Istati Membri, fuq talba tagħhom, li jagħżlu li jeżerċitaw id-dritt inerenti tagħhom ta' awtodifiża individwali jew kollettiva kif rikonoxxut fl-Artikolu 51 tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u f'konformità mad-dritt internazzjonali.

JINNOTA li daww il-miżuri jinkludu obbligi li jirriżultaw mit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, pereżempju appoġġ b'reazzjoni għall-invokazzjoni tal-Artikolu 42(7) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li jistipula li, jekk Stat Membru jkun vittima ta' aggressjoni armata fit-territorju tiegħu, l-Istati Membri l-oħra għandu jkollhom obbligu lejha ta' għajjnuna u assistenza bil-mezzi kollha fis-setgħa tagħhom, f'konformità mal-Artikolu 51 tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti. Dan m'għandux jippreġudika l-karattru speċifiku tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża ta' ċerti Stati Membri. Impenji u kooperazzjoni f'dan il-qasam għandhom ikunu konsistenti mal-impenji skont l-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana, li, għal daww l-Istati Membri li huma membri tagħha, tibqa' l-pedament tad-difiża kollettiva tagħhom u l-forum għall-implimentazzjoni tagħha.

16. JISSOTTOLINJA li l-użu tal-forza militari jista' jkun komponent integrali tat-tattiki ibridi ta' xi atturi statali u JINNOTA li dawn lesta jużaw tattiki ibridi flimkien ma' jew bi tnejn għal jew bħala sostitut ta' aggressjoni armata. JISĦAQ fuq il-ħtieġa, f'konformità mal-Boxxla Strateġika, ta' aktar investiment fl-assistenza reċiproka tagħna skont l-Artikolu 42(7) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea kif ukoll fis-solidarjetà skont l-Artikolu 222 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari permezz ta' eżerċizzji frekwenti, għall-prevenzjoni ta' azzjonijiet bħal dawn u t-tnejn u l-għieda kontribom.

17. JISSOTTOLINJA li l-attribuzzjoni hija definita bħala l-prattika li r-responsabbiltà għal attività ibrida malizzjuża tiġi assenjata lil attur speċifiku; JIRRIKONNOXXI li l-attribuzzjoni tista' tikkontribwixxi għall-bini ta' reżiljenza akbar, billi tnejn u teduka lill-pubbliku dwar it-theddida, u tista' tgħin ukoll biex jinbena appoġġ għal miżuri ulterjuri possibbli; IFAKKAR li l-attribuzzjoni lil attur statali jew mhux statali tibqa' deċiżjoni politika sovrana bbażata fuq intelligence mis-sorsi kollha u meħuda skont il-każ; JISĦAQ li l-Istati Membri jistgħu jużaw metodi u proċeduri differenti biex jattribwixxu attivitajiet ibridi malizzjużi, u JISSOTTOLINJA li l-SIAC għandha rwol essenzjali ta' appoġġ lill-Istati Membri f'dan ir-rigward.

18. JINNOTA li l-kampanji ibridi spiss ikunu mfassla b'tali mod li joħolqu ambigwià dwar l-oriġini tagħhom u jfixxlu l-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet. F'dak ir-rigward, JISĦAQ li mhux il-miżuri kollha li jiffurmaw parti minn reazzjoni koordinata tal-UE għal kampanji ibridi jeħtieġu li r-responsabbiltà tiġi assenjata lil attur statali jew mhux statali u li l-miżuri fi ħdan il-Qafas jistgħu jitfasslu skont il-livell ta' ċertezza li jista' jiġi stabbilit fil-każ partikolari; JISSOTTOLINJA li meta l-attribuzzjoni koordinata ma tkunx possibbli jew l-attribuzzjoni pubblika ma tkunx fl-aħjar interess tal-UE u tal-Istati Membri tagħha, jistgħu jkunu previsti wkoll azzjonijiet asimmetriċi kkalibrati tajjeb li jirreaġixxu għal kampanja ibrida kontra l-UE, l-Istati Membri jew is-sħab tagħha, skont dan il-Qafas u f'konformità mad-dritt internazzjonali, skont il-każ, bl-approvazzjoni dovuta.

19. JIRRIKONOXXI li ċ-ċiberattivitajiet malizzjużi spiss huma element kruċjali tal-kampanji ibridi u li t-tkomplija tal-iżvilupp tal-pożizzjoni ċibernetika tal-UE hija pass importanti lejn il-prevenzjoni, l-iskoraġġiment, id-deterrenza u r-reazzjoni għaċ-ċiberattivitajiet malizzjużi, inkluż iċ-ċiberattivitajiet malizzjużi li jagħmlu parti minn kampanja ibrida. JISSOTTOLINJA li s-Sett ta' Għodod taċ-Ċiberdiplomazija tal-UE jiġġieled it-theddid għaċ-ċibersigurtà u jista' jikkontribwixxi għar-reazzjoni tal-UE għal kampanja ibrida, skont ir-regoli u l-proċeduri tiegħu stess; JISĦAQ fuq il-ħtieġa li l-korpi rilevanti tal-Kunsill, ir-Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni jinkoraġġixxu l-kooperazzjoni u s-sinerġiji fl-implimentazzjoni tal-miżuri u l-azzjonijiet deċiżi taħt dan il-Qafas, b'mod partikolari permezz tas-Sett ta' Għodod tal-UE kontra Theddid Ibridu u s-Sett ta' Għodod FIMI, kif ukoll fis-Sett ta' Għodod taċ-Ċiberdiplomazija tal-UE meta u fejn dan ikun xieraq.

20. JENFASIZZA l-ħtieġa ta' kooperazzjoni u reazzjonijiet koordinati, fejn ikun xieraq, ma' sħab tal-istess fehma fl-implimentazzjoni ta' dan il-Qafas. JISĦAQ fuq l-importanza ta' aktar kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, bħan-NATO, u ma' sħab u pajjiżi tal-istess fehma, inkluż fin-NU u l-G7, kif ukoll mas-soċjetà ċivili u s-settur privat fil-ġlieda kontra t-theddid ibridu u bil-ħsieb li jiġi definit rwol ewlieni għall-UE fl-iżvilupp tan-normi internazzjonali għall-ġlieda kontra t-theddid ibridu, inkluż l-FIMI.

JENFASIZZA b'mod partikolari l-ħtieġa li jiġu żviluppati sinerġiji u jiġu esplorati aktar modi għal kooperazzjoni kontra t-theddid ibridu man-NATO, fost oħrajn billi nibnu fuq l-Eżerċizzji Paralleli u Koordinati organizzati mill-UE u n-NATO bi ttejjija għall-indirizzar ta' attakki ibridi kumplessi, b'kont meħud tax-xejriet ġeopolitiċi u teknoloġiċi li qed jinbidlu bħalissa, b'rispett sħiħ tal-prinċipji tat-trasparenza, ir-reċiproċità u l-inklużività, kif ukoll l-awtonomija fit-teħid tad-deċiżjonijiet u l-proċeduri taż-żewġ organizzazzjonijiet.

21. JISĦAQ fuq il-ħtieġa li fl-2022 jiġu żviluppati aktar kemm is-Sett ta' Għodod tal-UE kontra Theddid Ibridu kif ukoll is-Sett ta' Għodod FIMI, skont il-gwida mogħtija mill-Boxxla Strateġika. JISTIEDEN lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni biex ikomplu jidentifikaw miżuri li għandhom jiġu implimentati f'dan il-Qafas abbażi ta' aġġornament regolari tal-immappjar eżistenti⁵ u, qabel tmiem l-2022, jippreżentaw proposti dwar il-ħolqien ta' Timijiet ta' Rispons Rapidu tal-UE kontra Theddid Ibridu, sabiex dawn jiġu approvati mill-Kunsill. JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli biex jikkonkludu r-reviżjoni tal-Protokoll operazzjonali tal-UE għall-ġlieda kontra t-theddid ibridu ("Playbook tal-UE") u jippreżentaw il-verżjoni riveduta sa tmiem l-2022. JAPPELLA lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli biex jagħtu effett sħiħ lill-iżvilupp tal-Qafas, billi jistabbilixxu linji gwida ta' implimentazzjoni u jittestjaw il-proċeduri tiegħu permezz ta' eżerċizzji eżistenti u oħrajn ġodda, inkluż eżerċizzji li jinvolvu l-attivazzjoni tal-Artikolu 222 TFUE u/jew l-Artikolu 42(7) TUE. Il-Kunsill ser JIEĦU RENDIKONT tal-implimentazzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet qabel tmiem l-2023 u, jekk ikun meħtieġ, jirrevedi l-Qafas sabiex jindirizza x-xenarju ta' theddidiet li qed jevolvi.

⁵ DOKUMENT TA' ĦIDMA KONĠUNT TAL-PERSUNAL, Immappjar tal-miżuri relatati mat-tisħiħ tar-reżiljenza u l-ġlieda kontra t-theddid ibridu, SWD(2020) 152 final